MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2014

Numru. 74/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**FERNANDO SAMMUT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Fernando Sammut, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 134180 (M).

**Akkuzat talli:**

Bejn ix-xahar ta` Gunju 2013 u Awissu 2013 x'imkien gewwa dawn il-Gzejjer ta` Malta approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta` hadiehor lit kun giet fdata jew ikkunsinnata

lilek taht titolu illi iggib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifika l-ammont ta` seba` t'elef, seba` mija sebgha u tmenin ewro (€7,787) dan huwa aggravate minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew serizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta` flus li jammontaw ghal seba` t'elef, seba` mija sebgha u tmenin ewro (€7,787), li ghalhekk jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin ewro (€2,330), liema serq sar ukoll kkwalifikat bil-valur, ghad-detriment tal-kumpanija **Francis Busuttil & Sons**.;
U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talli kiser il-provedimenti tal-artikoli 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza li giet definittiva;

U aktar talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati / Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda ta` PS 1314 Raymond d'Ambrogio li ha r-rapport ta` rapprezentanti tad-ditta **Francis Busuttil & Sons** illi kien qed jonqsilhom certu ammont ta` *stock*.

Illi l-Qorti semghet ukoll lil Stephan Friggieri, rapprezentant tad-ditta **Frances Busuttil & Sons**, li spjega lill-Qorti kif il-kumpanija ittraccat is-*shortage* illi kienet qed issoffri direttament mill-imputat. Ipprezenta wkoll nota tal-ammont ta` flus illi dan in-nuqqas irraprezenta li huwa seba` t'elef ewro u seba` mija sebgha u tmenin (€7,787).

Illi l-Qorti rat ukoll l-istqarrijiet tal-imputat datati ghaxra (10) u tlettax (13) ta` Awwissu 2013 u tal-hmistax (15) ta` Jannar 2014 rispettivament fejn l-imputat ammetta, inkondizzjonalment, li l-involviment tieghu f'dina il-misappropjazzjoni u spjega, dettaljatament, ic-cirkostanzi personali tieghu li jwassluh sabiex jikkommetti dan ir-reat.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-verbal taghha tat-tmienja (8) ta` April 2014 fejn hija ddifferiet il-kawza ghal-llum, sbatax (17) ta` Lulju 2014 ghan-noti tal-partijiet u ghas-sentenza jekk ikun il-kaz.

Illi noti mill-partijiet ma sarux.

Illi, fuq il-provi li hemm u wara li rat id-dikjarazzjonijiet tal-imputat, dina l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief illi ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni stante illi huwa kien impjegat tad-ditta **Francis Busuttil & Sons** u l-oggetti nieqsa kienu fdati lilu fil-kwalita` tieghu ta` impjegat ta` dik il-kumpanija.

Illi, *gia* la darba, dina l-Qorti sabet htija fl-ewwel imputazzjoni, hija ma tistax issib htija fit-tieni u dan stante li l-akkuza ta` serq hija assorbita f'dik ta` misapproprijazzjoni li huwa reat iktar specifiku.

Illi f'dana l-istadju, ma ingabux il-provi ta` ksur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u lanqas dawk tar-recidiva. Kif diga` intqal qabel, noti ma gewx ipprezentati miz-zewg partijiet. Ghalhekk, dina l-Qorti qiedgha tillibera lill-imputat ukoll minn dawn iz-zewg akkuzi.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hija tal-fehma li l-lat retributtiv tal-gustizzja ma huwiex l-uniku intern tal-gustizzja. Ir-riforma tal-imputat huwa ugwalment importanti kif ukoll illi l-vittma tigi risercita ghad-danni minnha soffert.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti tordna wkoll lill-imputat ihallas is-somma favur il-*parte civile* fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------